**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**-vs-**

**Sebastian Espejo Ospina, detentur tal-Passaport Kolumbjan bin-numru AQ439454.**

*Sommarja 9396/2023*

Illum, 12 ta' Diċembru, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Sebastian Espejo Ospina** u ċioe talli:

Nhar l-10 ta' Dicembru 2023 għall-ħabta ta' 08:51 hrs u nhar it-11 ta' Dicembru 2023 għall-ħabta ta' 04:00 hrs ġewwa Swieqi, u f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Għamel lil ex-sieħba tiegħu Ariane Mia Zumaeta Sai Leong inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan Il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil ex sieħba tiegħu Ariane Mia Zumaeta Sai Leong, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan Il-Kodiċi u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u cioe' Ariane Mia Zumaeta Sai Leong u/jew Ritianne Spiteri fejn l-ammont tal-ħsara ma kienx jiskorri l-mitejn u ħamsin euro (€250) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Sebastian Espejo** a benefiċċju ta' ex sieħba tiegħu **Ariane Mia Zumaeta Sai Leong** u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba illi f'każ ta' ħtija, jiġu applikati l-provedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, u ċioe wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**IL-PIENA**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-fedina penali netta tiegħu w tal-fatt li l-ewwel żewġ imputazzjonijiet huma ta' natura kontravvenzjonali, fejn it-tieni imputazzjoni serviet ta' mezz ai fini għall-ewwel u għat-tielet imputazzjoni kif ukoll ittieħdu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 339(1)(d)(e) u 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah xahrejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi ghal sitt xhur millum.

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk jikkommetti, matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Finalment ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ Ordni ta' Trażżin kontra l-imputat a favur ta' Ariane Mia Zumaeta Sai Leong u Ritienne Spiteri.

**Donatella M. Frendo Dimech**

**Maġistrat**